# O Zmien Helu...

*tagħrif u ritratti minn* **Raymond C. Xerri**
B.A.(Hons)(USA),EU.Sch.(E.U.Law)(FRG),D.D.S.,M.A.(Dip.St.)(Malta),L.F.I.B.A.(U.K.),D.G.(U.S.A.)

## Il-Ġnien li kien il-Qala

Żgur li n-nanniet tagħkom smajtuhom jgħidu li fl-imgħoddi fil-Qala kien hemm ħafna iżjed siġar mil-lum u bir-raġun. Fl-imgħoddi mhux imbiegħed, il-Qala kien raħal ġnien kbir miżgħud b'siġar taċ-ċitru, tal-ħarrub, bajtar, palm u dwieli. Il-Qala kien raħal famuż għall-ħxejjex u għeneb. Però l-aktar li kien magħruf ir-raħal tagħna hu għall-frott bnin li kien jipproduċi.

Ir-raħal tagħna jokkupa ħafna mil-lvant tal-kosta t' Għawdex u għalhekk hu post li jara madwar siegħa sa sagħtejn iktar xemx mill-bqija t'Għawdex. Dan għaliex ix-xemx titla' mill-Lvant (faċċata tal-Qala) u tinżel fil-Punent. Dan il-fatt flimkien mal-ħamrija tajba u s-sengħa tal-bdiewa Qalin, ir-raħal tagħna sa ftit snin ilu kienu jipproduċi l-aqwa larinġ, lumi, langas, ħawħ, tin, bettieħ, dulliegħ, rummien u tadam.


*Parti mill-mappa li tinsab fil-Muzew tal-Vatikan*

Dan mhuwiex ngħidu jien iżda hu dokumentat f'ħafna kotba u mapep ta' l-imgħoddi. F'diversi mapep ta' Malta u Għawdex insibu biċċa art kbira li tinsab bejn Daħlet Qorrot u Ras il-Qala magħrufa bħala *le Jardin*, bil-Franċiż u li bil-Malti tfisser "Il-Ġnien". Illum dan il-post hu magħruf bil-laqam Sqalli, Piccolo Giardino. Fil-Mużew tal-Vatikan nsibu l-pittura tal-mappa tal-Gżejjer Maltin fi żmien l-Assedju l-Kbir ta' l-1565 u jindika biċ-ċar li fil-Qala kien hemm ġnien kbir li kien imniżżel fuq din il-mappa bħala, Giardino. Minbarra dan il-ġnien insibu wkoll salib ċkejken fuq kaxxa żgħira li tindika fejn qiegħed is-Santwarju tal-Kunċizzjoni. Dan is-simbolu jindika post sagru fil-mapep antiki kollha. Hemm ukoll ftit djar bejn is-Santwarju u l-Ġnien li jindika r-raħal tal-Qala ta' dak iż-żmien. Bejn il-Qala u r-Rabat t'Għawdex ma kien hemm xejn ħlief ftit djar, fejn illum hemm ix-Xewkija, l-ewwel raħal Għawdxi. La kien hemm in-Nadur u lanqas Għajnsielem. Dan juri biċ-ċar li l-biedja fir-raħal tagħna kienet waħda mill-pilastri ta' għajxien tal-popli tagħna u kienet importanti biżżejjed biex titniżżel fuq il-mappa ta' dak iż-żmien.

It-Tieni Gwerra Dinija bidlet din il-ġenna ta' l-art f'art mikxufa mhux minħabba l-bombi li waqgħu għaliex dawn kienu ftit iżda minħabba li ħafna bdiewa abbandunaw l-art u emigraw biex jaħdmu f'pajjiżi bħall-Awstralja, Franza, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Kanada u l-Ingilterra. F'dawn il-pajjiżi kien hemm inqas tbatija u x-xogħol kien fil-fabbriki u mhux fl-għalqa. Meta ħafna minn dawn l-emigranti rritornaw lura, ma reġgħux rifsu fl-għalqa għaliex tgħallmu jaħdmu f'xogħol iktar tekniku u b'inqas tbatija. Ir-raħħala tal-lokal tgħallmu mill-eżempju ta' l-emigrant u telqu l-art. Il-furnara tar-raħal tagħna qatgħu ħafna mis-siġar biex użawh bħala ħatab biex isaħħnu tlett ifran ħobż kuljum. Maż-żmien u bit-traskuraġni ħafna mis-siġar mardu u mietu u ma tħawlux oħrajn flokhom.

Wara l-gwerra, ir-raħal tagħna ra mewġa ta' bini ġdid speċjalment ta' għorof u iktar tard, djar kbar u toroq li kollha ħadu post ħafna siġar. Il-progress, jekk nistgħu

insejħulu progress, li ġabet magħha t-tmiem tal-gwerra qered il-ġnien li kien il-Qala. Pero' qabel dan kollu l-Qala kellha l-iktar bejjiegħa tal-frott imfittxija f'Għawdex u fit-Tramuntana ta' Malta. Niftakar lin-nannu tiegħi, Antonio Xerri jgħidli li kien jieħu liz-zijiet u lil missieri miegħu jdur bil-karrettun mimli frott u ħxejjex jbiegħ fl-irħula t'Għajnsielem u x-Xewkija.
Pero' l-akbar xhieda ta' dan il-ġnien insibuha fil-poeżija ta' ħuna Dr. Anton Buttigieg, it-tieni President ta' pajjiżna u l-poeta tan-natura. Ma kienx imsejjaħ il-poeta tan-natura għalxejn, għaliex kiteb ħafna poeżiji fejn wieħed jista' jara li l-Qala, raħal twelidu halla marka fuq ħajtu għal dejjem. Anton Buttigieg, bil-poeżija tiegħu ħoloq kuxjenza ambjentali f'pajjiżna.
Il-ġmiel tan-natura li kien il-ġnien tal-Qala kien isaħħar lil kulħadd u l-Baħri ddeskriva dan il-ġmiel f'kull poeżija tiegħu dwar xi ħaġa partikulari fl-ambjent ta' madwaru. Bħal San Franġisk t'Assisi, Buttigieg jkellem lis-siġar, il-flora u l-fawna bħal ħaddieħor qablu fl-istorja letterarja ta' pajjiżna.
Għalhekk nistħajjel il-ġenerazzjonijiet ta' żgħażagħ ta' daqsi u ta' warajja jgħidu, x'sar minnu l-ġnien tal-Qala, fejn mar u kif spiċċa? Issa għandhom ir-risposta.

X'ħasra... O Żmien Helu fejn int!



*Parti żgħira miż-żona msejħa "Piccolo Giardino" jew "Le Jardin" illum ta' ftit siġar biss*






**Id-direzzjoni tar-Rivista**
**"Leħen il-Qala",**
**l-Arċipriet, is-Saċerdoti**
**flimkien mal-membri**
**tal-Kunsill Parrokkjali**
**jixtiequ lill-Qarrejja kollha**
**t' din ir-Rivista**
**l-Għid it-tajjeb.**
**J'Alla Kristu Rxoxt**
**inissel fina**
**t-Tama u l-Kuraġġ meħtieġ**
**f'din is-sena tal-Ġublew**